## IL-GĦANJA TA' L-IMGĦAŻEL

*Ta'* A. Cremona

— Qallu s-Sultan: "Int mur sibħieli;
l-Ibirba 'l binti serquhieli.
Mur, ja qalbieni, mur.
Igħidlek fejnhi l-għasfur."—

Tgħanni x-xwejħa fuq l-imgħażel
f'rokna ta' l-għorfa qalb tiben u ħuxlief.
It-tfal għadhom jisimgħuha
b'għajnejn imbexxqa fuq qatta silla u tfief.

— Telaq u qasam il-qalbieni
baħar, imsaġar tal-Ġewwieni.
U dur u dur u dur
sab siġra ta' l-għasfur.—

Tagħżel u tkebbeb ix-xwejħa,
u r-riħ ivenven bejn ix-xquq tat-twejqa;
berqa safra tleħħ u ddawwal
fuq sodda l-ħarsa ta' Madonna Mdejqa.

— F'ħoġru niżel l-għasfur igħannilu,
bint is-Sultan sabiex jurilu.
Mexa minn bur għal bur
fuq spalltu bil-għasfur.—

Kienet nieżla x-xita u waqfet:
jinstama' biss igerger bl-ilma l-miżieb;
it-tħaxwix tas-siġar fl-għalqa,
l-għajta bħal bikja fil-bogħ'd, il-bogħ'd tal-klieb.

— Qasam l-iġbla, qasam il-wita'
f'nirien ta' xmux, f'dgħaben ta' xita.
U fewġa ħelwa ddur
ma' l-għanja ta' l-għasfur. —

Ir-riħ siket. L-omm ma' l-għanja
tax-xwejħa bennet lit-tarbija: għajjiena
issa raqdet; qiegħda toħlom
b'żewġha s-sajjied jitmewweġ fuq benniena.

— Wasal mal-lejl fl-art ta' l-Ibirba
quddiem il-bieb tar-Rajjes f'Girba.
"Infetaħ bieb, ja sur,"
beda jgħanni l-għasfur. —

It-tfal berrqu xfar għajnejhom
f'toqla ta' ngħas. Mit-tqajba iżjed qawwija
il-musbieħ donnu wkoll tħajjar
jitfa' fuq wiċċ ix-xwejħa ċ-ċkejkna dija.

— U l-bieb infetaħ lill-qalbieni:
f'dar ir-Rajjes sab ruħu kmieni.
U dur u dur u dur
fil-marqad ma' l-għasfur. —

Il-musbieħ kien beda jogħnos;
u t-tfal imgeddsa raqdu qalb l-ixkejjer
b'xebba misruqa jòħolmu
tittajjar fuq l-għasfur lejn dawn il-Gżejjer.

— Ix-xbejba rieqda f'ħoġor sidha
minnu fired u ħataf mn'idha.
Għatta wiċċha b'maktur
u telqu fuq l-għasfur. —

U l-musbieħ intefa f'daqqa,
raqdet ukoll bl-imgħażel f'idha x-xwejħa,
toħlom bl-imsierek ta' xogħ'lha.
min-newl tistenna l-qligħ ta' libsa sbejħa.